MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 862/2002/1

**Mariano Debono, Matilde Debono, Alison Pace,
Matilde Bezzina, Stephen Bezzina, Robert Bezzina,
Rodianne Bezzina,
Graziella Bezzina u Danillo Bezzina**

**v.**

**Vincent u Mary konjugi Spiteri; Yvette Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-25 ta' Lulju 2002 tghid hekk:
"Illi huma proprjetarji tal-fond bl-isem "Carmel", illum igib l-isem "Marvin" f'Xintill Street, Tarxien, liema fond kien gie moghti b'cens temporaneju ghal hamsa u ghoxrin (25) sena lill-Charles Fenech, l-awtur tal-konvenuti; (Dok. A).

"Illi sussegwentement b'kuntratt iehor datat 16 ta' Jannar, 1982, Charles Fenech biegh u ittrasferixxa lill-konvenuti konjugi Spiteri l-utili dominju temporaneju ghaz-zmien li fadal mill-koncessjoni enfitewtika li saret ghal zmien hamsa u ghoxrin sena b'effett mis-17 ta' Mejju, 1976 tal-fond hawn fuq indikat; (Dok. B).

"Peress illi dan il-fond inkera mill-konvenuti konjugi Spiteri lil binthom Yvette Spiteri, l-konvenuta l-ohra.

"Peress illi c-cens ghalaq fis-17 ta' Mejju, 2001 izda l-konvenuti ma jridux jizgombraw avolja gew interpellati jaghmlu hekk.

"Jghidu ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni, ordni u kundanna li hija mehtiega skond il-ligi:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond bl-isem "Carmel", illum igib l-isem "Marvin" f'Xintill Street, Hal-Tarxien minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

"2. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jizgombraw lill-istess fond fi zmien qasir u perentorju."

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Mary Spiteri li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Preliminarjament, l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom.

"2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez:

“(a) peress illi l-koncessjoni enfitewtika (Dok. B) kienet taghtihom id-drittijiet li effettivament qeghdin jivvantaw;

“(b) peress illi l-lokazzjoni maghmula lil binthom, il-konvenuta Yvette Spiteri, hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghaliex saret ***“under fair conditions”*** u ghalhekk ghandha tigi rispettata. Konsegwentement, jezisti titolu validu ta’ lokazzjoni.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Yvette Spiteri li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, u dan peress illi l-eccipjenti ghandha titolu validu ta’ lokazzjoni kif jirrizulta mill-annessa skrittura privata datata 5 ta’ Awissu 1994 (Dok. “X”) li saret ***“under fair conditions”*** u ghalhekk ghandha tigi rispettata.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Vincent Spiteri li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi l-atturi ghandhom preliminarjament, jaghtu prova li ghandhom titolu validu fil-ligi.

“2. Illi fil-meritu, t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li t-titolu ta’ cens jaghti lok ghad-drittijiet rizultanti minn dan id-dritt rejali bil-konsegwenza li la jezisti t-titolu ta’ kera li sar taht “*fair and just conditions*”, l-atturi ma jistghux jinnegaw titolu validu ta’ lokazzjoni.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Marzu 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi, tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhomx titolu validu biex jokkupaw il-fond imsemmi u

ghalhekk tilqa' wkoll it-tieni talba. Tordnalhom biex fi zmien tlett xhur jisgombrah favur l-atturi.

"Spejjes fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa."

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti hija wahda mill-iktar li giet dibattuta mill-Qrati taghna ghal diversi snin cioe' it-titolu *o meno* ta' dak li jakkwista minghand l-utilista meta l-koncessjoni enfitetika originali tasal fi tmiemha.

"L-awtur tal-atturi f'din il-kawza kien ittrasferixxa b'titolu ta' sub-enfitewsi l-fond in kwistjoni fl-1976 ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena. Meta din il-koncessjoni giet fi tmiemha fl-2001, l-utilista Fenech kien gia' (fl-1982) ikkonceda b'sub-enfitewsi l-fond lill-konvenuti. F'certu zmien qabel ma ghalaq il-perjodu enfitewtiku l-konjugi Spiteri krew il-fond lil binthom Yvette illi hija wkoll konvenuta. Kollox allura jiddependi fuq jekk in effetti l-konvenuti ghandomx titolu. Hu car li sakemm ghalaq il-perjodu enfitewtiku l-konvenuti kellhom titolu validu. Huwa z-zmien meta ghalaq dan il-perjodu illi johloq problema legali reali.

"L-ewwelnett il-Qorti ma ghandhiex dubbju li l-konvenuti konjugi Spiteri ma jivvantaw ebda titolu validu fil-Ligi u dan minhabba l-fatt li kieku ma saritx l-iskrittura ta' lokazzjoni bejnhom u binthom kienu jkunu konvenuti huma biss u allura l-uniku difiza li setghu igibu kienet il-protezzjoni li taghti l-Ligi skond l-Att tal-1979 li kien emenda l-Ordinanza tad-Dekontroll. Din il-protezzjoni pero' hija biss moghtija lil dawk l-utilisti li kienu jokkupaw il-fond in kwistjoni f'Gunju 1979, u cioe' meta giet *in vigore* l-istess Ligi – ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Caruana vs Aloisio deciza fl-2002. Ghalhekk il-konjugi Spiteri ma ghandhom ebda titolu li jipprotegihom.

"Hemm allura l-kwistjoni jekk Yvette Spiteri ghandhiex titolu validu in vista tal-iskrittura ta' lokazzjoni li saret fl-1994 (Dok X – Fol 38 tal-process).

“Wiehed irid jghid li dawn it-tip ta’ kawzi mhux dejjem kellhom l-istess rizultat quddiem dawn il-Qrati. Kif irrilevat din l-istess Qorti fil-kawza deciza fil-21 ta’ Mejju, 2004 fl-ismijiet Andrea Muscat vs Antonia Lautier, f’ kawza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Frar, 1965, il-Qorti ppreseduta mill-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran qalet hekk;

““*Illi l-Qorti ma ssibx ragunijiet biex tbiddel il-gurisprdenza … dwar il-limitazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1619 (tal-Kodici Civili) u n-nuqqas ta’ kull rapport guridiku bejn l-attur qua sid konsolidanti u l-konvenut. … l-attur mhux f’ posizzjoni ta; “lessor” fil-konfront tal-konvenut ghall-finijiet tal-Ligi specjali tal-kera. Ghalkemm huwa obbligat jirrispetta taht certi limiti, il-lokazzjoni li jsib korrenti fl-gheluq tal-enfitewsi jkun strap wisq forzat, xejn inqas minn akrobazija legali li wiehed jestendi l-effetti tal-Artikolu 1619 tal-Kodici sal-punt li jpoggi lis-sid konsolidanti fl-istess posizzjoni ta’ lokatur volontarju anke ghall-finijiet tal-Ligi specjali kontenuta fil-Kap 109. Konsegwentement meta jispicca l-lokazzjoni korrenti fl-epoka tat-terminazzjoni tal-enfitewsi l-konduttur jisfa’ bla titolu fil-konfront tieghu.*

*“… L-Artikolu 1619 m’huwiex hlief espedenti suggerit mill-esigenzi prattici biex jirrikoncilja l-interess tal-prorjetarju ma’ dak tal-inkwilin u biex jassikura li l-inkwilin igawdi l-fond almenu ghal xi zmien ragonevoli.*”

“Din is-sentenza giet qabel is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Zahra vs Frendo fl-1969 illi allura gabet maghha gurisprudenza differenti. Infatti l-istess Imhallef Caruana Curran f’sentenza moghtija fis-7 ta’ Gunju, 1983 (Wismayer et vs Saydon – Qorti tal-Kummerc) qal hekk;

““*Il-Qorti wara li rriflettiet sew fuq dawn il-kwistjonijiet li llum ghandhom certa importanza fil-pajjiz minhabba forsi xi nterpretazzjoni stretta wisq tas-sentenza Zahra vs Frendo, kif ukoll xi lacuna li seta’ baqa fid-dritt ghar-rigward ta’ fondi kummercjali meta dawn jigu mikrija lil terzi persuni mill-enfitewta tempranju (mhux tant tad-djar*

*tar-residenza ghax hawn kien hemm intervent legislattiv bl-Att XXIII tal-1979) sejra tirrepeti dak li gia' qalet fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju, 1983 fl-ismijiet* <u>*Louis Apap Bologna vs Godwin Portelli*</u> *fis-sens li minghajr ma tidhol fil-meritu jekk* <u>*Zahra vs Frendo*</u> ***constitutes good law*** *… u semplicement fuq l-assunzjoni jew assunt tal-korrettezza tal-hsieb centrali taghha meta l-kondizzjonijiet l-ohra tal-Ligi u b'mod specjali tal-Artikolu 1619 tal-Kodici Civili jigu osservati u rispettati, jibqa' xi haga ohra x'tinghad bhar-records olimpjonici fil-kamp tal-prodezza fizika li hi wkoll kamp ta' sforz mentali. L-ebda sentenza ma tissenja l-ikbar tragward fil-gurisprudenza li hi parti mill-attivita' tal-hsieb tal-bniedem u flimkien mal-Ligi fiha element sufficjenti ta' dinamizmu biex ikomli jipprofondixxi l-problemi Legali…*

*".. skond l-Artikolu 1619, meta persuna li tiposjedi fond ghal certu zmien biss … bhal ma hu l-enfitewta temporanju taghti post b'kirja waqt li tkun ghadha fil-pussess, dik il-kirja tkun turbot ukoll lis-successur tieghu taht certi kondizzjonijiet u s-sentenza* <u>*Zahra vs Frendo*</u> *rabtet dan il-ganc u qalet li l-inkwlin allura jkun dejjem protett mil-Ligi tal-kera. Izda dik is-sentenza ma waqfitx hemm u l-Qorti tal-Appell kif denjament preseduta minn Sir Anthony Mamo tat hafna twissijiet biex in-nies ma jabbuzawx minn dik is-sentenza u rriservat id-dritt li tezamina kull kaz fuq il-mertu tieghu.*"

"Fil-fatt f'din il-kawza l-Qorti akkoljiet it-talba tal-atturi ghall-isgombrament. Ghall-precizjoni ghandu jinghad illi l-Artikolu 1619 fuq imsemmi jikkorrispondi ma' l-Artikolu 1530 fil-Kodici tal-lum, fil-waqt li l-Kap 109 huwa l-Kap 69 tal-lum.

"Fir-rigward ta' sentenzi li nghataw anke wara <u>Zahra vs Frendo</u>, bhal <u>Apap Bologna vs Portelli</u> u <u>Calleja vs Said</u> *wiehed isib li l-azzjoni hemm intentata ma kellhiex bhal ma m'ghandhiex din il-kawza, domanda fis-sens li s-sid m'huwiex marbut bil-lokazzjoni ghax ma saritx taht kondizzjonijiet gusti.* Il-Qorti thoss li ma tistax taqbel ma' hafna mill-konkluzjoniet tas-sentenza <u>Vassallo vs Sammut</u> deciza fis-17 ta' Frar, 1995 mill-Qorti tal-Appell.

"Il-Qorti hija konxja illi jista' jkun li l-maggoranza tas-sentenzi moghtija jiffavorixxu t-tezi konvenuta, madankollu kif gie spiss ritenut, fl-ordinament guridiku taghna ebda sentenza ma tikkostitwixxi precedent u hija wkoll konxja li din is-sentenza tista' ma taqbilx ma' ohrajn. Il-Qorti ser tirrepeti dak li qalet fis-sentenza Muscat vs Lautier fuq imsemmija;

""*Madankollu l-Qorti ghandha tiddeciedi skond dak li thoss li hu sewwa u din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ntqal mill-Qorti preseduta mill-Imhallef Caruana Curran fis-sentenzi fuq citati. L-Artikolu 1530 qieghed biex jassikura ghal ragunijiet prattici certu element ta' sigurta' ghall inkwlini. F'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta ilha fil-fond mill-1985 (*f'dan il-kaz mill-1994) *u kwindi dan il-fatt gia' gie assikurat.*"

"Ghall precizjoni ghandu jinghad li dan l-Artikolu jghid li l-kirja "*maghmula minn dak li jkun jippossedi l-haga … taht titolu temporanju (tiswa' ukoll ghas-successuri tieghu .. ghal zmien mhux itwal minn erba' snin f'kaz ta' bini*." Kif gia' inghad il-Qorti tqis interpretazzjoni differenti ghal dik li qed tipprospetta hi ghal *akrobazija legali* fi kliem il-Qorti fil-kawza Scicluna vs Scicluna fuq imsemmija.

"Ghandu jinghad li l-konvenuti ghamlu enfasi fuq il-fatt li kien donnu sar ftehim verbali bejn uhud mill-atturi u l-konvenut dwar kirja gdida izda meta kienu sejrin jiffirmaw skrittura inqala' intopp. Ghalhekk ma saret ebda prova li kien hemm xi ftehim u f'kull kaz, biex lokazzjoni ghal perjodu li jeccedi s-sentejn tkun valida, hemm bzonn ta' skrittura privata (Artikolu 1233 tal-Kap. 16). Il-Qorti ma thossx li dan ghandu b'xi mod jincidi fuq id-decizjoni taghha, anke ghaliex ma hemm ebda eccezzjoni ntavolata f'dan ir-rigward."

Rat it-tlett appelli interposti separatament minn Vincent Spiteri, Mary Spiteri u Yvette Spiteri;

Rat it-tlett risposti li l-atturi ressqu separatament ghal kull appell imressaq mill-konvenuti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma jigi trattat il-meritu ta’ dan l-appell, trid, fl-ewwel lok, tigi kkunsidrata gravam ta’ natura procedurali mressqa mill-appellanti Mary Spiteri u Yvette Spiteri. Dawn qed jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma estenditilhomx it-terminu koncess lilhom biex iressqu l-osservazzjonijiet taghhom, wara li naqsu li jaghmlu dan peress li l-konsulent legali taghhom “kellu membru tal-familja bil-grizma fl-isptar”.  A bazi ta’ dan, talbu li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tigi annullata.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha tilqa’ dan l-ilment, peress li, nonostante l-isfortuna li garrab il-konsulent legali ta’ l-imsemmija appellanti, ma giex muri li, fil-fatt, dan kien fl-impossibilita` li jressaq in-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tieghu.  L-ewwel Qorti kellha okkazzjoni tikkunsidra l-posizzjoni li sabu fiha l-imsemmija appellanti, u rat li ma gietx murija ragunijiet sodisfacenti biex tilqa’ t-talba taghhom ghall-estensjoni tat-terminu originarjament koncess.  Din il-Qorti m’ghandha xejn x’izzid fuq dan l-aggravju u qed tichdu.

Fuq il-meritu, jirrizulta li b’kuntratt tas-17 ta’ Mejju 1976, ippubblikat min-Nutar Dottor George Cassar, il-fond bl-isem “Carmel”, illum maghruf bl-isem “Marvin”, f’Xintill Street, Tarxien, kien gie koncess lil Charles Fenech b’titolu ta’ enfitewsi temporanea ghal zmien 25 sena. B’kuntratt iehor ippubblikat fis-16 ta’ Jannar 1982, min-Nutar Dottor Angelo Vella, l-imsemmi Charles Fenech ittrasferixxa lill-konvenuti konjugi Spiteri l-utili dominju temporanju ta’ l-istess fond ghaz-zmien li kien fadal.  Bi skrittura li ggib id-data tal-5 ta’ Awissu 1994, Mary Spiteri, allura legalment separata minn ma’ zewgha, kriet dan il-fond lil bintha Yvette Spiteri.  Gheluq il-koncessjoni enfitewtika, l-atturi, bhala proprjetarji tal-fond, talbu r-ripreza tal-fond battal.  Il-konvenuta Yvette Spiteri ssostni

li hi ghandha titolu validu ta' kera li l-proprjetarju jrid jirrikonoxxi peress li l-kondizzjonijiet tal-kirja kienu "gusti".

Ghall-ewwel Qorti, il-"gustizzja" o meno tal-kondizzjonijiet ma kenux rilevanti, peress li fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet **Scicluna v. Scicluna**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 1965, iddecidiet li gheluq il-koncessjoni enfitewtika, il-konduttur, f'kull kaz, jispicca bla titolu.

L-ewwel Qorti tat sentenza simili fil-21 ta' Mejju 2004, fil-kawza **Mifsud v. Lautier**. Minn dik is-sentenza tressaq appell li gie deciz minn din il-Qorti llum ukoll. Il-punt kontrovers fiz-zewg kawzi huwa l-istess, kif kienu l-istess id-decide ta' l-ewwel Qorti u l-aggravji ta' l-appellanti. A skans ta' ripetizzjonijiet zejda, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-motivazzjonijiet taghha f'dik is-sentenza, li ghandhom jghoddu u japplikaw anke ghal fini ta' din il-kawza.

Il-konkluzjoni raggjunta minn din il-Qorti hi li, f'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti adita trid tezamina l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kirja in materja, u jekk issib li dawn huma "gusti" anke ghall-proprjetarju, tiddeklina li tordna l-izgumbrament ta' l-inkwilin.

Anke f'din il-kawza, din il-Qorti, ma jidrilhiex li ghandha, f'dan il-istadju, tiddeciedi jekk il-kondizzjonijiet tal-kirja in kwistjoni humiex gusti jew le, u dan peress li l-ewwel Qorti ma ddecidietx fuq il-materja. L-eccezzjonijiet u l-provi, hu veru, kienu indirizzati lejn soluzzjoni ta' dik il-vertenza, pero`, l-ewwel Qorti ma qiesitx it-talba ta' l-atturi minn dak il-punto di vista. Hi pprocediet biex tiddeciedi l-kawza u tilqa' t-talba ta' l-atturi fuq ragunijiet li jipprexxindu mill-"gustizzja" o meno tal-kondizzjonijiet tal-kirja.

Jidher, ghalhekk, li hemm lok li l-atti ta' din il-kawza jigu rinvjati biex il-Qorti tiddeciedi jekk il-kirja in kwistjoni tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 1530 tal-Kodici Civili. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti trid tirregola l-materja fid-dawl tal-principji stabbiliti minn din il-Qorti fir-rigward, partikolarment, li l-"gustizzja" o meno tal-

kondizzjonijiet tal-lokazzjoni trid tigi mistharrga fid-dawl tac-cirkostanzi ezistenti u prevedibbli fiz-zmien li fih sehhet il-krija (ara **Azzopardi v. Montalto**, deciza minn din il-Qorti fis-17 ta’ Frar 2003, u **Bugeja v. Lantieri**, deciza wkoll minn din il-Qorti fl-4 ta’ April 2001), u li kull kondizzjoni trid tigi ezaminata mhux isolatament, izda fil-kuntest tal-ftehim kollu (ara **Bugeja v. Lantieri** fuq imsemmija), ghalkemm, ma jistax jigi eskluz li kondizzjoni wahda tant tkun “unfair” li xxejjen il-ragjonevolezza tal-kondizzjonijiet l-ohra, b’mod li l-ftehim kollu jitqies li ma sarx taht kondizzjonijiet gusti. Dik il-Qorti trid tara wkoll jekk il-kirja saritx bhala forma ta’ stratagemma biex jigi garantit li l-fond jibqa’ okkupat in perpetwu a skapitu tal-proprjetarju ta’ l-istess fond – ara f’dan is-sens iz-zewg sentenzi ta’ din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet **Imhallef Dottor Alberto Giuseppe Magri et v. Aeroflot Russian International Airlines et** moghtija fl-1 ta’ Lulju 2005.

F’dan il-kaz, hemm konsiderazzjoni ohra li l-ewwel Qorti trid tikkonsidra. Il-fond in kwistjoni mhux fond kummercjali, imma dar ta’ residenza, u allura jrid jigi kkunsidrat jekk japplikawx ghall-kaz il-principji li johorgu mid-decizjoni **Zahra v. Frendo** wara l-emendi li gew introdotti bl-Att XXIII tal-1979 ghall-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta’ Malta). L-Artikolu 12 ta’ din l-Ordinanza jistipula li d-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu ghandhom ikollhom effett dwar il-kuntratti kollha ta’ enfitewsi temporanea li jkunu saru fi kwalunkwe zmien meta l-fond ikun okkupat bhala risdenza ordinarja. Kwindi, jista’ jinghad li f’kaz ta’ fond mikri bhala residenza, l-inwilin irid isib il-protezzjoni tieghu taht dik il-ligi, u jekk dik il-ligi mhux ta’ konfort ghalih, ma jistax aktar jinvoka l-protezzjoni ta’ **Zahra v. Frendo**: ara f’dan is-sens, id-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Mejju 1984, fil-kawza fl-ismijiet **Mifsud v. Tabone**, ceduta mbaghad quddiem din il-Qorti fis-27 ta’ Novembru, 1990. Dan il-punt ma giex diskuss lanqas mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti, billi tilqa’ l-istess, tirrevoka u thassar id-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti fid-9 ta’ Marzu 2005,

u tirrinvija l-atti ghal quddiem l-ewwel Qorti sabiex din titratta u tiddeciedi l-kaz fid-dawl ta' dak li jinghad f'din is-sentenza.

L-ispejjez ta' din l-istanza, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------